**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 25 ta' Ġunju, 2026**

Rikors Nru : 194/2025 AL

**AB**

**u**

**CD**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors konġunt li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu jesponu:

Illi huma zzewwgu fir-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta, Malta fil-hamsa u ghoxrin (25) ta Gunju elfejn u sittax (2016) skond certifikat taz zwieg hawn anness u mmarkat Dok "B":

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u affetwaw is-separazzjoni personali permezz ta kuntratt ippubblikat fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa u ghoxrin (2025) minn Nutar Dottor Mary Grech Pace skond kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok "C".

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;

Illi l-possibilta ta' rikonciljazzjoni bejn il partijiet mhiex possibbli u dan anke minhabba l-fatt li ilhom jghixu hajja separata ghall zmien twil skond il-klawzola numru wiehed (1) tal-kuntratt surreferit;

IIII l-partijiet irrinunzjaw ghad dritt tal-manteniment minghand xulxin skond il-klawzola numru hamsa (5) tal kuntratt ta separazzjoni surreferit;

Illi ghalhekk jezistu il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet.

Ghaldaqstant r-rikorrenti AB u CD kif rapprezentat minn FG jitolbu bir-rispett lil din 1-Onorabbli Qorti toghgobha tiddikjara li z-zwieg taghhom hu mahlul u li ghal dan il ghan tippronunzja d-divorzju bejn il partijiet u ghal kull fini u effetti kollha tal Ligi tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stabbilit minnha, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex b'hekk l-istess divorjzu ikun jista jigi registrat fir-Registru Pubbliku permezz tal-annotazzjoni relattiva fic-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dok. “B”.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda taż-żewġ rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta’ April 2025;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta’ Marzu 2025;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir *res* judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.